MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Rikors Kongunt Numru. 525/2014

**AB**
**u**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettew:

1. Illi l-partijiet izzewgu permezz tar-Registru Pubbliku il-Belt Valletta fil-25 ta’ Awissu 2007;
2. Illi l-partijiet isseparaw bonarjament permezz ta’ Kuntratt ta’ Sepazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Reuben Debono, kopja tal-kuntratt hawn annessa;
3. Illi l-partijiet m’ghandhomx tfal;
4. Illi l-partijiet ilhom separati ghall-iktar minn erba’ snin;
5. Illi m’hemm l-ebda manteniment pagabbli lil xulxin;
6. Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

7. Illi l-partijiet jixtiequ li z-zwieg taghhom ikun mahlul skont il-ligi;
8. Annessi ghandhom l-affidavits taghhom;

Talbu li din il-Qorti joghgobha :

1. Tiddikjara iz-zwieg tal-partijiet Liza Muscat u Anatas Kristo tal-25 ta’ Awissu 2007 mahlul;
2. Illi dan il-hall taz-zwieg jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta’ Jannar, 2015;

Rat l-affidavits bix-xhieda tal-partijiet;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-4 ta’ Dicembru, 2014, izda ilhom separati de facto ghal aktar minn erba’ snin;

Illi ir-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------